**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 379/2016 AL

**AB**
**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament u pprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Lulju 1998 (vide Dok. C anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed fl-eta ta' sbatax (17)-il sena, kopja tac-certifikat tat-twelid qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt fl-atti tan- Nutar Dr. Gertrude Farrugia Wismayer mid-disa` u ghoxrin (29) ta'

Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) kopja tal-istess kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A ;

Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal diversi snin, u certament mid-data tas-separazzjoni personali.

Illi l-esponenti jissottmetti illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut la lejn l-intimata, la favur ta' l-esponent peress li l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom ghal manteniment, u lanqas versu t-tifla, li llum hija kwazi maggorenni.

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab, illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Awwissu 2016 ;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara illi m'ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mid-29 ta' Settembru 2004 ;

Illi r-rikorrenti ippruva ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul ;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.